C/2026/1147

20.2.2026

Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/891 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabbilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/888 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabbilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova

(C/2026/1147)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni ta' Igor Yuryevich CHAIKA, Mihail VLAH, Nelli PARUTENCO, Ilia UZUN, EVRAZIA, persuni u entitajiet li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/891 [1] dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabbilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/888 [2] dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabbilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova.

Il-Kunsill biħsiebu jżomm fis-seħħ il-miżuri restrittivi li jikkonċernaw il-persuni u l-entitajiet imsemmijin hawn fuq b'dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet u/jew evidenza ġodda.

Dawk il-persuni u l-entitajiet huma b'dan infurmati li huma jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu l-informazzjoni relatata maż-żamma fis-seħħ tal-miżuri restrittivi, qabel is-**27 ta' Frar 2026**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

---

[1] ĠU L 114, 2.5.2023, p. 15.
[2] ĠU L 114, 2.5.2023, p. 1.